**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Janette Grixti)**

**-vs-**
**Anglu Damato, detentur tal-Karta tal-Identità numru 0562650M**

Illum, 28 ta' Lulju, 2025

*Kumpilazzjoni Nru. 517/2022*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Anglu Damato** u ċioe talli:

Nhar is-27 ta' Lulju, 2022 ġewwa Triq il-Kbira, Żurrieq bejn it-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (20:20hrs) u t-tmienja u ħamsa u għoxrin minuta ta' filgħaxija (20:25hrs):

a. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna offiża ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' David Falzon u dan skond ma ċċertifika Dr. Mark Grech (Med. Reg. 2905) taċ-Ċentru tas-Saħħa, Kirkop u dan bi ksur ta' l-artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
b. U aktar talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paċi pubblika b'għajjat u storbju u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' David Falzon u tapplika l-provedimenti tal-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni a favur ta' David Falzon ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti ġiet wkoll mitluba sabiex f'każ ta sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-imputat għal-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' l-Avukat Ġenerali tas-17 ta' Ġunju, 2024,[1] permezz ta' liema bagħtet lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub fis-segwenti artikoli:

1. Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(b) u 218(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
3. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikolu 49 u 50
5. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tas-26 ta' Ġunju, 2025, l-imputat taha il-kunsens tiegħu biex il-każ jinstema w jiġi ġudikat minn din l-Qorti.[2]

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

<u>Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fit-2 ta' Frar, 2024.</u>

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fil-21 ta' Frar, 2024. Qabel ma l-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-provi fuq il-mertu in ġenerali, tenut kont tas-sottomissjoni tal-imputat li l-imputazzjonijiet jirreferu għal erba'

[1] Fol.77
[2] Fol.79

(4) sigħat wara l-ħin li jirriżulta mill-provi, l-ewwel li ser tiġi kunsidrata hi propju din il-lanjanza.

L-imputazzjonijiet iġibu bħala żmien li fih twettqu r-reati addebitati lil Damato huwa dak ta' *"bejn it-tmienja u għoxrin ta' filgħaxija (20:20hrs) u t-tmienja u ħamsa u għoxrin minuta ta' filgħaxija (20:25hrs)".*

Il-**Current Incident Report**[3], li ġie konfermat minn **PC151 Lars Scicluna**,[4] jiddeskrivi kif fis-27 ta' Lulju, 2022 għall-ħabta ta' **16:30 hrs** ġie rappurtat ġewwa l-Għassa taż-Żurrieq li kienet inqalgħet ġlieda fl-istess lokalita.

Din il-verżjoni u senjatament dwar il-ħin tal-imsemmija ġlieda tiġi konfermata minn **PC1536 Mark Swain**.[5]

**PC398 David Mizzi** ukoll jikkonferma li kien *"għal ħabta tal-4.30pm"* meta persuna irraportat li kien hemm ġlieda fil-pjazza.[6]

Minn naħa tiegħu **Kevin Attard** jsemmi li l-alterkazzjoni inqalgħet wara l-ħin tat-3.30pm.[7]

Iċ-ċertifikat mediku,[8] konfermat minn **Dr. Mark Grech**,[9] jindika li l-parte leża ġiet eżaminat minnu fil-ħin ta' *"17:50hrs"* aktar minn sagħtejn qabel il-ħin indikat fl-akkuza.

Ikkunsidrat ukoll,

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Fr. Michael Camilleri et** insibu:[10]

> Illi hawnhekk huwa tajjeb li wiehed jara x' inhi n-natura, funzjoni, sinjifikat u l-effetti legali tac-citazzjoni. Ic-citazzjoni hi semplidement 'avviso a comparire', u cioe' ordni sabiex l-imputati jidhru quddiem il-Qorti, u biex ikunu jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Tajjeb li wiehed jaccenna ghall-fatt li kemm il-ligi u kif ukoll il-Qrati Maltin riedu, kemm jista' jkun, ikunu prattici fl-applikazzjoni tal-artiklu sucitat u ma riedux jintilfu fuq kwistjonijiet, formalizmi u problem teknici u procedurali, a skapitu li ssir gustizzja. Ghal dan il-ghan tajjeb li wiehed jirrimarka li fis-sistema

[3] Fol.14 et seq
[4] Fol.54 et seq
[5] Fol.51
[6] Fol.46A
[7] Fol.27
[8] Fol.12
[9] Fol.68A
[10] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima; Deċiża 26.04.2018; Appell Numru 440/2017

procedurali 3 Maltija, il-process penali huwa wiehed li jistrieh fuq ix-xhieda viva voce, fil-prezenza tal-imputati, u mhux konfinat, ristrett u cirkoskritt minn proceduri li jsiru bil-forma miktuba a skapitu tal-espressivita' tal-prodess kondott viva voce fil-prezenza tal imputati u ta' dawk li jridu jiggudikaw fuq il-fatti. Dan il-principju gie ribadit f' diversi sentenzi fejn inghad li c-citazzjoni m' hemmx ghalfejn issir skont xi formula sagramentali bil-precizjoni kollha. F' dan il-kuntest wiehed jista' jaghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs. Frank Borg** moghtija 6 ta' Marzu 1954 mill-Qorti tal Appell Kriminali fejn intqal li:

> Il-gudizzji sommarji c-citazzjoni ma hiex hlief ordni ta' komparizzjoni, u l **enuncjazzioni tal-fatti kontenuti fiha ma hiex il-bazi essenziali u assoluta ta' l-inkriminazzjoni**. (Enfasi u sottlinear tal-esponent)

…….

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg moghtija nhar l-4 ta' Novembru 1994 il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> .....wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil partikolaritajiet opportuni ta' zmien li l-lok, **ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex iidher quddiem il-Qorti tal-Mapistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal validita' taghha. jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li isegwuha, izda ghall-fini tal-praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien. u cioe' biex l-imputat x' hin jidher quddiem il-pont ikun jaf fuq hiex ikun kien imharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall imputazzioni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat propjament u verament quddiem il-Qorti. u mhux fic citazzjoni**. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

...............

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs. Joseph Zahra moghtija nhar il-5 t' Awwissu, 2003 Il Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, fis-sens li huwa ma setax jinstab hati skond l-imputazzjonijiet kif dedotti peress li dawn l imputazzjonijiet kienu nieqsa mid-dettalji mehtiega dwar il-post, il-hin u c cirkostanzi li fihom sehhew l-allegati reati. Dan l-aggravju hu wiehed fieragh. Huwa veru li l-imputazzjonijiet ma kienux redatti bl-aktar mod felici u li r referenza ghall-"post", "hin" u "cirkostanzi" f' kull imputazzjoni ma hi xejn cara. **Pero', kif din il-Oorti kellha l-okkazzioni li tosserva diversi drabi, in nuqqas ta' xi rekwizit imsemmi fis-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 ma iwassalx ghan-nullita' tac-citazzjoni (jew tal-imputazzjoni jew imputazzjonijiet) u anpas ma iwassal necessarjament ghall-liberazzioni ta' dak li jkun. Jekk, minhabba l-mod kif inhuma redatti l-imputazzionijiet, l 5 imputat ma jkunx jista' jiddefendi ruhhu adegwatament huwa jista' jgib dan l-ilment a konjizzjoni tal-Qorti biex din tiehu l-mizuri necessarji. Jista' wkoll, wara li ikun sema' l-provi tal-prosekuzzioni, titlob differiment jew posponiment biex ikun f' posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu, minflok ma jghaddi ghad-difiza minnufih wara l-kaz tal-prosekuzzjoni, kif suppost li isir f' kull kawza** (ara, in partikolari, l-Artikoli 374, 375 u 377 (1) tal-Kodici Kriminali). S' intendi, tali differiment jew posponiment ghandu jinghata b' cirkospezzjoni kbira u biss f' kazijiet fejn ikun hemm xi nuqqas fil-mod kif il prosekuzzjoni tkun ressqet l-

> imputazzjonijiet jew ikkonduciet il-kaz taghha, liema nuqqas ikun verament jista' jippregudika lill-imputat, ghax altrimenti facilmment jigri li l-kawza sommarja ma tibqa' sommarja xejn. Huwa proprju ghalhekk li l-Artikolu 360 (2) jghid li c-citazzjoni ghandha jkollha certi dettalji, u cioe' sabiex l-imputat jigi preparat fl-ewwel jum tas-smigh bid-difiza u bil provi tieghu in difeza, u l-kawza tkun tista' tinqata' f' dik l-ewwel gurnata tas smigh. (Sottolinear u enfasi tal-esponent)

............

Illi ghalhekk ic-citazzjoni hija biss avviz lill-imputati biex huma jidhru l-Qorti u biex ikunu jafu fuq x' hiex qeghdin jigu akkuzati. Dana sabiex meta jidhru quddiem il Qorti huma jkunu preparati sabiex jiddefendu ruhhom ghar-rigward tal imputazzjonijiet dedotti kontrihom, u hekk billi hija kawza sommarja, iressqu il-kaz u l-provi taghhom fl-ewwel gurnata tas-smiegh. Hekk kif gie ribadit fis-sentenza Il Pulizija vs. Glenn Debattista moghtija nhar it-23 ta' Dicembru, 2003 mill-Qorti tal Appell Kriminali:

> ...ic-citazzjoni baqghet xorta wahda semplici "avviso a comparire" u mhux u l-bazi ta' l-imputazzjoni; l-imputazzioni tigi formalment maghmula fl-istadju kontemplat fis-subparagrafu (i) tal-paragrafu (i) tal-Artikolu 374 tal-Kodici Kriminali, rez applikabbli ghal proceduri ex officio bil-paragrafu (c) tal-Artikolu 375... esponent)

Illi ghalhekk l-imputazzjonijiet gew formalment maghmula meta nhar it-18 t' Ottubru, 2017, Clint Cachia, ufficjal tas-sahha u s-sigurta' fuq il-post tax-xoghol, espona l-fatti tar-reati dedotti kontra l-imputati u ressaq il-provi f' dan ir-rigward

………

Illi fis-sentenza mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il Pulizija vs. John Mary Briffa,** li kienet titratta dwar il partikularitajiet taż-żmien fiċ-ċitazzjoni, fejn l-appellant f'dik il-kawża ġie akkużat b'reati li allegatament seħħew "għall-ħabta tas-7.30p.m." mentri l-provi kienu jirrigwardaw inċident li seħħ "għall-ħabta tas-7.30 a.m.", intqal li:

*"L-imputazzjoni għalhekk kif impostata qed tirreferi għal xi ħaġa li allegatament grat tnax-il siegħa wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant ħati. Mill-provi ma jirriżultax li gara xi inċident fil-ħin indikat fl-imputazzjoni u għalhekk l appellant ma setax jinsab ħati kif fil-fatt insab. ..... Il Prosekuzzjoni qalet li huwa ovvju li dan kien żball dattilografu. Jekk inhuwa hekk, il-Prosekuzzjoni kellha tieħu ħsieb jew titlob il-korrezzjoni opportuna. tempestivament."*

L-istess Qorti kif preseduta, fil-proċediment **Il-Pulizija vs Mario Bezzina,** ikkunsidrat:[11]

> Illi l-Artikolu 360 tal-Kodiċi Kriminali, senjatament fis-subinċiż tnejn (2) tiegħu ifassal ir-rekwiżiti li l-Liġi trid li jkun fiha ċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-imputat jinġieb quddiem il-Qorti fil-bidu tal-proċediment penali stitwit kontra tiegħu –
>
> > **Iċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew**

---

[11] Per Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima. Deċiża 20 ta' Settembru, 2023. Appell Numru 96/2023

**li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat.**

Illi, huwa paċifiku li dawn ir-rekwiżiti għandhom iservu biss sabiex l-imputat jkollu idea ċara ta' biex inhu akkużat b'mod tali allura li jkun jista' jipprepara adegwatament id-difiża tiegħu. Huwa proprju għalhekk li l-Artikolu 360(2) tal Kodiċi Kriminali jistipola li ċ-ċitazzjoni għandha jkollha ċerti dettalji, u dana sabiex l-imputat jiġi ppreparat f'ewwel jum tas-smigħ bid-difiza u bil-provi tiegħu in difesa, sabiex l-istess kawza tkun tista' tinqata' f'dik l-ewwel ġurnata tas-smigħ. Issa in nuqqas ta' xi rekwiżit minn dawn imsemmija ma jwassalx għan-nullita' taċ-ċitazzjoni u dana għaliex il-Liġi tippermetti wkoll li ssir id-debita korrezzjoni f'dan is-sens diment li l-imputat ikun ingħata żmien biżżejjed sabiex jirregola d-difiża tiegħu fid dawl ta' din il- korrezzjoni. ……….

Illi, f'sentenza oħra mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fl ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Buttigieg" fil-25 ta' Lulju 1994, intqal hekk –

**L-insenjament tal-qrati tagħna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tgħid univoku u ġie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Diċembru, 1948 fl ismijiet Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E. (Vol.XXXIII.iv.758) li daħlet ukoll fl-oriġini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl 1911. Brevement, iċ-citazzjoni ma hi xejn ħlief avviz jew ordni sabiex il ġudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-ħin u data li jiġu indikati lilu, minflok ma jinġieb quddiem dik il-qorti taħt arrest (Art.360(1)). Din iċ citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bħalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tiġi profferita fil qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni:**

***'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore' (ara sentenza citata, pagna 761).***

Illi, dan ifisser li ġaladarba l-persuna mħarrka tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni prinċipali taċ-ċitazzjoni tkun giet eżawrita. Pero', l-istess ma jistax jingħad meta ċ ċitazzjoni jkun fiha informazzjoni għal dak li jirrigwarda l-partikolaritajiet tal-ħin, lok u żmien li jkunu jikkuntrastaw ma' dak li jemerġi mill-provi li jinstemgħu waqt il mori tal-kawża, u dan speċjalment meta l-Prosekuzzjoni ma tkunx talbet korrezzjoni tal-istess ċitazzjoni sabiex din tirrifletti l-fattispecie tal-kawża in kwistjoni.

Illi, għalhekk, minkejja li l-funzjoni taċ-ċitazzjoni hija biss ta' avviso di comparire u l Liġi tikkonċedi impreċiżjonijiet li jistgħu jiġu hekk sanati b'sempliċi korrezzjoni magħmula fil-mori tal-kawża, dan ma jfissirx li d-diċitura tal-imputazzjoni m'għandhiex tirrifletti l-fattispecie tal-każ hekk kif jemerġu mill-provi almenu b'mod approssimattiv għal dak li jirrigwarda il-partikolaritajiet taż-żmien, lok u ħin li fihom allegatament ikun ġie kommess ir-reat.

Fid-dawl tas-suespost m'hemmx ħtieġa li l-Qorti tidħol fil-mertu tal-każ in deżamina jew li tikkunsidra l-kumplament tas-sottomissjonijiet mressqa mill-

abbli difensur. Kien kompitu tal-Prosekuzzjoni li tkun "*alert*" bizzejjed sabiex titlob li ssir id-debita korrezzjoni appena bdew jinstemgħu il-provi u ħarġet din id-diverġenza fil-ħin. Ġaladarba dan ma sarx meta seta' w kellu jsir, il-Prosekuzzjoni qatt ma setgħet tipprova il-każ tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qed tilliberah lill-imputat minn kwalunkwe ħtija u piena.

Finalment ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur.(Int. Law)**
**Maġistrat**